**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Frar,2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Victor Buttigieg detentur tal-karta ta' l-identita` numru 474072(M); u**

**Claire Polidano, detenntrici tal-karta ta' l-identita` numru 44575(M).**

***Kumpilazzjoni Nru. 41/2017***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Victor Buttigieg u Claire Polidano talli:

F'dawn il-Gzejjer, nhar l-31 ta' Dicembru, 2016, ghal habta ta' bejn id-22:00hrs u 00:00hrs ta' filghaxija, gewwa Pit Stop Car Wash, Triq l-Imdina, Attard u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer

1. Ikkommettew serq aggravat ta' €106.90 euro ghad-detriment ta' Ephraim Sam Schembri, Saviour Schembri, Franridge Schembri u/jew persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat bil-'*mezz*' u kif ukoll bil-'*hin*'.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer

2. Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Ephraim Sam Schembri, Saviour Schembri, Franridge Schembri u/jew persuni ohra, fejn l-ammont tal-ħsara hu iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500).

U fil-konfront ta' Victor Buttigieg wahdu:

3. Irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fl-udjenza tallum, l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom w ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputat, il-fedina penali taghhom, l-ammissjoni bikrija taghhom, tal-fatt li l-imputati huma mahkumin mill-vizzju tad-droga u li r-reati minnhom kommessi saru sabiex ikunu f'posizzjoni jiffinanzjaw dan il-vizzju, w ic-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fil-konfront tal-imputat Victor Buttigieg, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50 261(b),(f), 263, 270, 278(2), 289, u 325(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal ghoxrin xahar prigunerija.

Fil-konfront tal-imputata Claire Polidano, wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(b),(f), 263, 270, 278(2) u 325(1)(a) tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba kontriha u tikkundannaha ghal hmistax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28° tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal tlett snin.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lil Victor Buttigieg taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn filwaqt li Claire Polidano qed titpogga' taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jeghlbu l-vizzju tad-droga.

Kif ukoll il-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin sabiex Victor Buttigieg jinghata l-ghajnuna kollha minnufih inkluz li jsegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Inoltre` twissi lil hatja Claire Polidano bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza imposta fuqha llum.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja jhallsu s-somma ta' €1,467 lill-parte leza u dana fi zmien tlett snin.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jonqsu milli josservaw l-ordnijiet imposti fuqhom llum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**